## X'jiġri jekk ma nafx nitkellem sewwa bl-Ingliż?

It-tim tal-kura palljattiva hu sensittiv għalll-kultura u l-lingwa tiegħek. Toqgħodx taħsibha biex titlob interpretu. Int tista' tuża interpretu kwalifikat jew membru tal-familja.

## Fejn nista' nikseb aktar tagħrif?

Kull persuna hi differenti u għandha bżonnijiet differenti. Hu importanti tkun taf x'kura u sapport hemm u kif tista' tirċevih.

**www.palliativecare.org.au** hi websajt tal-Palliative Care Australia. Hawn tista' ssib aktar tagħrif u linkijiet dwar il-kura palljattiva u r-riżorsi li ġejjin:

***Direttorju tas-Servizz tal-Kura Palljattiva*** – direttorju li jinsab fuq l-internet u li tista' tfittex tagħrif fuqu rigward servizzi ta' kura palljattiva u kura dwar tmiem il-ħajja madwar l-Awstralja

***Fatti dwar il-morfina u mediċini opjodiċi oħra*** – tagħrif dwar fatti u stejjer dwar il-mediċini użati fil-kura palljattiva

***Staqsi mistoqsijiet li jistgħu jgħinuk*** – Għajnuna għal nies li qed jaraw lit-tim tal-kura palljattiva-ktejjeb li jgħinek tikseb tweġibiet li għandek bżonn għall-mistoqsijiet tiegħek.



## Kuntatti Prinċipali

**Numru nazzjonali tal-kura palljattiva: 1800 660 055**

**Palliative Care Australia**
t: 02 6232 4433
e: pcainc@palliativecare.org.au
w: www.palliativecare.org.au

**ACT Palliative Care Society**
t: 02 6273 9606
e: office@pallcareact.org.au
w: www.pallcareact.org.au

**Palliative Care New South Wales**
t: 02 9206 2094 / 0403 669 491
e: info@palliativecarensw.org.au
w: www.palliativecarensw.org.au

**Palliative Care Northern Territory**
e: pcnt@palliativecare.org.au
w: www.nt.palliativecare.org.au

**Palliative Care Queensland**
t: 07 3633 0096
e: enquiries@palliativecareqld.org.au
w: www.palliativecareqld.org.au

**Palliative Care Council of South Australia**
t: 08 8291 4137
e: pallcare@pallcare.asn.au
w: www.pallcare.asn.au

**Tasmanian Association for Hospice and Palliative Care**
t: 03 6285 2514
e: tahpc@intrepidonline.com.au
w: www.tas.palliativecare.org.au

**Palliative Care Victoria**
t: 03 9662 9644
e: info@pallcarevic.asn.au
w: www.pallcarevic.asn.au

**Palliative Care Western Australia**
t: 1300 551 704 / 08 9382 9367
e: pcwainc@palliativecarewa.asn.au
w: www.palliativecarewa.asn.au

Australian Government
Department of Health and Ageing

Palliative Care Australia

Din l-inizjattiva hi ssapportjata mid-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Anzjanità tal-Gvern Awstraljan.

GREY 19215

National Community Education Initiative



# X'inhi kura palljattiva?

*What is Palliative Care?*

**Maltese**

Palliative Care Australia

## X'tip ta' kura hemm?

Kura ta' kwalità fi tmiem tal-ħajja hi kura u sapport speċjalizzati li tirrikonoxxi l-bżonnijiet uniċi tal-persuna li għandha kondizzjoni terminali, u tal-familja u tal-kerers tagħhom.

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li għandhom kundizzjoni terminali ikunu kkurati mit-tabib tal-familja u n-nersijiet komunitarji tagħhom. Dawn il-professjonisti tas-saħħa huma ssapportjati minn servizzi speċjalizzati tal-kura palljattiva biex jiżguraw li l-persuni kollha jirċievu kura tal-ogħla kwalità biex nissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.

L-għan hu li ntejbu l-kwalità tal-ħajja għall-pazjenti, l-familji u l-kerers tagħhom billi nipprovdu kura li tieħu ħsieb il-ħafna bżonnijiet li għandhom il-pazjenti, familji u l-kerers :

- fiżiċi (inklużi kura tal-uġigħ u sintomi oħra)
- emozzjonali
- soċjali
- kulturali
- spiritwali.

L-għan hu li jgħin lill-persuna tgħix tajjeb kemm jista' jkun. Is-sapport ikun offrut ukoll biex jgħin membri tal-familja u kerers jimmaniġġjaw il-marda tal-pazjent u meta jmut.

Bħala persuna li qed jirċievi l-kura, il-pazjent hu sieħeb importanti fl-ippjanar tal-kura tagħhom u l-immaniġġjar tal-kondizzjoni tagħhom. Il-membri tal-familja u l-kerers għandhom ukoll rwol importanti f'dan il-qasam. Meta l-persuni jkunu infurmati sewwa, jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet tal-kura u jikkomunika bil-miftuħ mat-tobba tagħhom u l-professjonisti oħra tas-saħħa, huma jgħinu jagħmlu l-kura tagħhom effettiva kemm jista' jkun.

L-ippjanar tal-kura hu proċess importanti biex niżguraw li x-xewqat tal-pazjent rigward il-kura jkunu milħuqa. Il-pazjenti għandhom jitkellmu mat-tabib tagħhom dwar kif jistgħu jistennew il-bżonnijiet tagħhom li jinbidlu permezz ta' pjanar ta' kura bil-quddiem. Id-diskussjonijiet dwar il-ħatra ta' persuna oħra biex tieħu d-deċiżjonijietminflok il-pazjent għandu mnejn ikunu importanti wkoll.

## X'inhi kura speċjalizzata palljattiva?

Numru żgħir ta' nies ikollhom problemi severi jew komplessi hekk kif il-kondizzjoni tagħhom tidħol aktar il-ġewwa. Dawn il-persuni jistgħu jiġu rreferuti għand servizz speċjalizzat ta' kura palljattiva fejn tim ta' professjonisti speċjalizzati jaħdmu biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.

Inkella, it-tabib tal-familja tal-pazjent jkun jista' jitlob il-parir tas-servizz speċjalizzat tal-kura palljattiva għan-nom tal-pazjent.

## Nista' xorta waħda ningħata kura attiva għall-marda tiegħi?

Iva – il-kura li l-għan tagħha hu l-fejqan tal-marda spiss tista' titkompla. L-emfasi tal-kura hu l-manteniment tal-kwaliltà tal-ħajja u li tilħaq il-bżonnijiet tal-persuna, tal-familja u tal-kerers tagħhom.

## Min jagħti l-kura?

Il-kura tista' tingħata minn numru ta' professjonisti tas-saħħa differenti, dejjem jiddependi minn:

- il-bżonnijiet tal-pazjent
- ir-riżorsi u l-bżonnijiet tal-familja u tal-kerers.

Ħafna professjonisti tas-saħħa jistgħu ikunu involuti fit-twassil tal-kura u ġeneralment jaħdmu bħala parti minn tim ta' ħiliet varji . Tim ta' kura għandu mnejn jinkludi:

- tobba tal-familja
- tobba u nersis ta' kura speċjalizzata palljattiva
- tobba speċjalizzati – onkoloġisti, kardjoloġisti, newroloġisti, tobba respiratorji
- nersis
- professjonisti tas-saħħa relattati – spiżjara, terapisti tal-post tax-xogħol, fiżjoterapisti
- social workers
- ħaddiema li jagħtu parir dwar sogħba u mewt ta' xi ħadd mill-qrib
- ħaddiema tal-kura pastorali
- voluntiera.

## Lil min għandi nkellem dwar il-kura palljattiva?

Int tista' titkellem dwar il-bżonnijiet tiegħek mat-tabibu lit-tim regolari tiegħek tal-kura. Int tista' tikkonsulta d-Direttorju tas-Servizz tal-Kura Palljattiva biex issib servizz li jipprovdi kura fl-inħawi tiegħek.

## Fejn nista' nirċievi l-kura?

Il-kura tista' tingħata hawn-:

- id-dar
- l-isptar
- dar ta' kura tal-anzjani
- ħospice.

Ħafna persuni li għandhom kondizzjoni terminali jippreferu jirċievu kura fid-dar, imma dan jiddependi minn ħafna fatturi inklużi:

- in-natura tal-marda
- kemm hemm sapport mingħand il-familja u l-komunità tal-persuna
- jekk il-persuna għandhiex xi ħadd li jista' jieħu ħsiebha.

## Jekk jien qed inħoss l-uġigħ, kif ser jittaffili?

Mhux kulmin ikollu kondizzjoni terminali, ser iħoss l-uġigħ. Jekk il-pazjenti jħossu l-uġigħ, fil-biċċa l-kbira tal-każi jista' jittaffa.

Hemm ħafna mediċini li jimmaniġġjaw l-uġigħ li jistgħu jingħataw b'modi differenti – pilloli, likwidi, injezzjonijiet, patches. Hemm ukoll firxa wiesgħa ta' mediċini u trattamenti oħra li jistgħu jitħalltu flimkien biex jtejbu s-serħan mill-uġigħ.

Xi terapiji kumplimentari, bħal ngħidu aħna l-massaġġi, acupuncture jew terapija aromatika jistgħu jgħinu wkoll biex itaffu l-uġigħ.